Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 310/2014

Il-Pulizja

Spettur Dennis Theuma

Vs

Roberta Mulvaney

Illum 16 ta' Dicembru, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Roberta Mulvaney, detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 96878M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F' dawn il-Gzejjer fis-6 ta' Lulju 2005 u matul il-jiem ta' qabel din id-data:

a) Forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-persuna jew persuni minghajr ma kellha licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi

Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta, li tforni d-droga msemmija, minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellha licenzja jew kienet xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u minghajr ma kellha licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Ittentat taghmel reat kontra din l-Ordinanza, jew hajjret jew geghlet persuna ohra taghmel dak ir-reat ai termini tal-Artikolu 22(5) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) Kellha fil-pussess taghha d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-24 ta' Gunju, 2014, fejn il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a),

22(2)(b)(i) u (ii), 22(5) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-Regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, sabet lill-imputata hatja tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u kkundannatha ghal piena ta' **seba' (7) xhur prigunerija effettiva** u **multa ta' seba' mija u hamsin Euro (€750)**, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50). L-ewwel pagament ghandu jsir fi zmien xahar mid-data li fiha l-hatja tiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hatja tonqos li thallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u tigi konvertita fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija, il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputata.

Il-Qorti irrakkommandat lid-Direttur tal-Habs illi l-hatja tinzamm gewwa l-*Forensic Unit* tal-Isptar Monte Karmeli u illi tinghata l-kura u l-ghajnuna kollha necessarja. Ordnat ukoll li din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Habs.

Il-Qorti **ma kkundannatx** lill-hatja ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, stante illi tali esperti kienu gew nominati fl-inkjesta relevanti ghal dan il-kaz u r-reati in kwistjoni sehhew qabel id-dhul fis-sehh tal-Att XIII tal-2005, li emenda l-imsemmi artikolu billi fost ohrajn gew inkluzi wkoll l-ispejjez konnessi mal-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta u lanqas ma saret talba ghall-hlas ta' tali spejjez da parti tal-prosekuzzjoni, kif kienet trid il-ligi qabel l-emenda relattiva.

Il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tal-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, li jifformaw parti mill-process verbal esebit a fol. 20 tal-process, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Roberta Mulvaney, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-4 ta' Lulju, 2014, fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi in kwantu tikkonferma l-astenzjoni fir-rigward tat-tieni akkuza, tirrevokha in kwnatu sabitha hatja tal-ewwel u t-tielet akkuzi u konsegwentement tilliberaha mill-piena inflitta fuq dawn l-akkuzi u f'kaz li din l-Onorabbli Qorti jghogobha tikkonferma s-sentenza appellata. L-appellanti titlob li tigi mposta piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti Roberta Mulvaney huma s-segwenti w cioe':-

(1) Illi bir-rispett kollu, l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti.

Illi huwa ben risaput kif intqal mill-Onorabbli Qrati Kriminali fil-proceduri fl-ismijiet Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt fl-1 ta' Dicembru, 1994 illi:

*'..l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk kien hemmx verzjoni kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emnuta minghajr ma jigi vjolat il-*

*principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u jekk tali verzjoni setghet tigi emnuta u evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament.'*

Blacksotn's Criminal Practice 1998 (fol. 1562 para D22.15) jghid illi:

*'The case of Cooper (1969) 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall fell of a case left the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free'*

Blackstone ikompli jghid (fol1563 para D22.15) illi:

*'Similarly, Lord Kilbrandon in Stafford v. Director of Public Prosecutions (1974) AC 878 summarised the test to be applied by each member of the appellate Court thus: Have I a resonable doubt, or perhaps even a lurking doubt, that this conviction may be unsafe or unsatisfactory'*

Fl-ahhar nett Blackstone jghid (fol. 1564 para D22.17) illi:

*'In Mcann (1990) 92Cr App 239, the Court of Appeal said that while it had to give great weight to the trial judge's exercise of dicretio, its power to review was not limited to cases where there had been errors of principle or a lack of material on which the judge could have arrived at his decision. It must if necessary examine anew the relevant facts and circumstances to exercise a discretion by way of review if it considered that the trial judge's ruling might have resulted in injustice to the appellants.'*

Illi l-appelanti taf illi huwa ormai stabbilit fil-gurisprudenza nostrana li l-Qorti tal-Appell Kriminali kemm fis-sede inferjuri u dik Superjuri ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk dik l-Ewwel Qorti setghet tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti ragjonevolement u legalment tasal ghal konkluzjoni li waslet ghaliha. Isegwi illi din l-Onorabbli Qorti ma tirrimpjazzjax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienitx

ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Illi bir-rispett kollu, l-appellanti tissottometti illi fuq il-provi li ngabru, l-Ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment tasal ghal konkluzjoni li waslet ghaliha u konsegwentement din hija raguni valida u addirittura impellenti sabiex din l-Onorabbli Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni u konkluzjoni tal-ewwel Qorti.

Illi dan qighed jinighad prelimarjament minhabba dwar kif ix-xhud princpali tal-Pulizija, Bernice Decelis gabet ruha fuq il-pedana tax-xhieda kif ukoll dwar il-kontenut taz-zewg stqarrijiet li l-istess xhud irrilaxxat lil Pulizija. Fil-fatt fis-sentenza tal-ewwel Qorti, a fol 9, minkejja li l-Ewwel Qorti tghid testwalment illi '.. *Il-Qorti qedha tghamilha cara li minkejja l-isqarrijiet ta' Decelis gew esebiti fl-atti tal-kawza, il-Qorti ma strahet fuqhom bl-ebda mod ai fini ta' kunsiderazzjonijiet taghha dwar il-htija o meno tal-imputata.. izda qadet esklussivament fuq dak li xehedu l-imputata u l-istess Decelis f'dawn il-proceduri u kif ukoll fuq l-istqarrija tal-istess imputata li wara kollox giet ikkoraborata ukoll mix-xhieda taghha stess'* xorta wahda jidher car illi l-Ewwel Qorti strahet ukoll fuq ix-xheida ta' Decelis stess.

Illi f'dan ir-rigward qed issir rferenza ghal artikolu 637 tal-Kap 9 li jghid testwalment illi:

> *'... id-decizjoni tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies tal-imbieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xhieda tieghu, u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.'*

Illi l-Ewwel Qorti messha, dejjem skond il-provi prodotti quddiemha, waslet ghall-decizjoni inversa minn dikli waslet ghaliha ghaliex jekk kien hemm l-icken dubju dwar il-htija o meno tal-appellanti, allura imputata, dan kellu jmur favur l-imputata skond il-principju *in dubio pro reo.*

Illi ghalhekk stante li l-fatti tal-kaz ma jimmirawx f'direzzjoni wahda, huwa car illi fil-kaz odjern hemm dubbji u incertezzi serji dwar il-htija tal-appellanti. Illi bir-rispett kollu l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tissodisfa l-vot tal-ligi f'dak li jirrigwarda

l-prova ta' htija u cioe' li tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

Illi dan kollu juri kemm il-kaz qatt ma seta jkun ppruvat sal-grad ta' certezza morali ghaliex meta wiehed izomm f'mohhu dawn il-fatti li jgibu certi mistoqsijiet dawn bilfors iqajmu certu konsenturi fil-provi tal-prosekuzzjoni.

Illi skond l-appellanti, il-provi kif jirrizultaw mill-process odjern, mhux talli ma jikkostitwux provi cari li jwasslu ghall-htija taghha, izda fihom joholqu dubbju sostanzjali f'certi mumenti anke evidenti.

Illi fid-dawl ta' dan kollu l-appellanti umilment thoss illi l-Ewwel Onorabbli Qorti messha ma sabitiex hatja tal-akkuzi dedotti kontriha.

(2) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-piena inflitta kienet eccessiva u harxa zzejjed meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi tal-kaz.

Ikkunsidrat,

L-appellanti tressaq il-kritika taghha fil-konfront tad-decizjoni impunjata billi tilmenta illi sar apprezzamnet zbaljat tal-provi li kien hemm fl-atti u senjatament ghall-evalwazzjoni tax-xhieda ta' certu Bernice Decelis, ix-xhud ewelieni tal-Prosekuzzjoni, li kienet fil-fehma taghha kontradittorja u ghalhekk *unsafe* biex twassal ghal kundanna fil-konfront ta'l-appellanti.

Illi din il-Qorti tinsab perpless kif l-appellanti ressqet tali ilment meta dan ma jirriskontrax ruhu fid-decizjoni appellata. Dan qed jinghad ghaliex l-Ewwel Qorti fid-decizjoni ghaqlija milhuqa minnha ghamlet evalwazzjoni tant bir-reqqa tal-provi li kellha quddiemha bil-kontradizzjonijiet kollha li kien fihom, illi wasslet sabiex skartat ghal kollox l-istqarrijiet rilaxxjati minn dina ix-xhud lill-pulizija fejn hija implikat lill-appellanti bhala il-persuna li indahhlet biex tfornielha id-droga u strahet fuq ix-xhieda moghtija minnha meta din ghamlet *retraction* sabiex tehles lill-appellanti minn kull htija! Kwindi l-evalwazzjoni maghmula mill-Ewwel Qorti ma kenitx ibbazata fuq kontradizzjonijiet, kif tallega l-appellanti fl-impunjattiva taghha, illi minhabba fihom allura kellu ikun hemm xi dubbju dwar ir-reita' taghha. Dan ghaliex *ex admissis* l-appellanti tghid illi meta Decelis ghaddietilha xi flus biex hija

tipprokuralha id-droga meta tmur il-Qorti minn ghand terz li kien ser ikun prezenti ukoll fil-bini tal-qorti, hija accettat li taghmel dan ghalkemm, dan il-fatt ma immaterjalizzax ruhu u allura l-appellanti ma ghamlitx dak li kienet wiegehdet lil Decelis li kellha taghmel. Mal-accettazzjoni taghha u it-tehid tal-flus minn ghand Decelis ghal dan il-ghan, kif tajjeb ikkonkludiet l-Ewwel Qorti, immatterjalizza ruhu kemm l-element formali kif ukoll dak materjali tar-reat ta' traffikar kif imfisser fl-artikolu 22(1B) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Premess dan allura jifdal biex jigi trattat it-tieni aggravvju imressaq mill-appellanti dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti li fil-fehma taghha kienet eccessiva u harxa iz-zejjed, izda ma tindika l-ebda mottiv li wassalha sabiex temmen dan. Certament ma hux il-kompitu ta' din il-Qorti allura li toqghod tfittex xi raguni fid-decizjoni impunjata li seta' wassal lill-appellanti sabiex tressaq dina l-impunjattiva u kwazi kwazi tista tirrigetta l-istess billi dan l-aggravvju jirrazenta l-fieragh.

Madanakollu l-Qorti fliet bir-reqqa il-motivazzjoni li wasslet lill-Ewwel Qorti biex teroga il-piena ta' seba xhur prigunerija, flimkien ma' multa ta'€750 u tara illi l-piena erogata hija vicin hafna lejn il-minimu u ma tistax tifhem kif l-appellenti tista' tqies tali piena bhala wahda harxa u eccessiva! Dan ghaliex l-Ewwel Qorti indubbjament kienet miti hafna lejn l-imputata u hadet in konsiderazzjoni ic-cirkostanzi kollha tal-kaz meta giet biex tinfliggi il-piena ghar-reati li dwarhom kienet qed tinstab htija.

Illi gie stabbilit b'mod kopjuz fil-gurisprudenza illi qorti ta' revizjoni bhala regola ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-ewwel Qorti b'dik li kieku hija – cioe` din il-Qorti – kienet taghti f'dawk ic-cirkostanzi kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*".

**"…As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):**

**""The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed.**

**The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will…be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '…that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."**

**This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.[1]"**

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

Franklin Calleja

Deputat Registratur

[1] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek tal-25 ta' Awissu 2005